MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 905/2007

**Joseph Celeste f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tad-ditta "Celeste Video Rentals (ID 707855 M)**

**vs**

**Thomas Spagnol (ID 349174 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Dicembru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur, is-somma ta' Euros286.51 rapprezentanti prezz ta` Hi-Fi System debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjex inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja datata 6 ta` Awissu, 2007 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` l-istess ittra kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

U peress illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma deherx la fis-seduta tal-31 ta` Jannar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, is-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €286.51 (Euros) gia (Lm123.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------